MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 27/2013

Avviz Nru 27/2013

Guzepp Hili u martu Lucia Hili.

-vs-

Roger Howie u martu Margaret Howie

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba prezentat fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) illi permezz tieghu l-atturi talbu hlas fis-somma ta' elf erba mija u wiehed u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€ 1421.90) minnghand il-konvenuti bilanc ta' prezz fuq merkanzija mibjugha u kkonsenjata. Bl-ispejjez kif mitlub fl-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn dawn eccepew illi (1) il-kont originali spedit mill-atturi kien ta' €1210 u mhux ta' €1421; (2) illi l-konvenuti qatt ma rrifjutaw dak li kien rejalment dovut lill-atturi tant illi kontestwalment mar-risposta huma iddepositaw is-somma ta' €695 Euro taht l-awtorita tal-Qorti; (3) ir-radiators suppliti qatt ma hadmu u bdew jahdmu wara li gew irrangati minn terzi u x-xoghol esegwit kien ta' kwalita' hazina hafna u ma kienx skont l-arti u s-sengha.

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi, id-dokumenti kollha esebiti u l-provi prodotti.

Ra d-digriet tieghu tas-26 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi qabel xejn dan it-tribunal qed jordna korrezzjoni fl-okkju billi fl-isem tal-konvenuti ssir zieda billi wara l-kelma Roger jizdied il-kunjom Howie; u ghalhekk l-isem tal-konvenuti jigi jaqra 'Roger Howie u martu Margaret Howie'. Dan qed isir mit-Tribunal ex officcio ghall-finijiet ta' kjarezza.

Fil-mertu jirrizulta illi l-kaz jittratta minn prozizzjoni u stallazzjoni ta' central heating. Irrizulta illi meta l-konvenuti talbu illi s-sistema tas-central heating li kienet gia giet stallata fid-dar mill-kumpanija attrici u li dwarha ma kienx hemm problemi, tigi estiza ghal flatlet li l-konvenuti  holqu flok garaxx li kellhom anness mad-dar, inqalghu xi problemi ghaliex is-sistema f'dan il-flatlet ma bdietx tiffunjona sew. Jidher illi min-naha ta l-atturi saru diversi tentattivi biex dan id-difett jittranga izda kollox sar inutilment ghaliex skont il-konvenuti is-sistema baqghet difettuza. Kienu ftehmu illi l-partijiet kellhom jergghu jikkuntattjaw lil xulxin sabiex isolvu l-problema wara li l-konvenuti jigu mis-safar. Finalment jidher illi l-konvenuti xebghu u bla ma tkellmu mal-atturi qabdu u rrangaw il-problema huma.

Jidher illi s-soluzzjoni ghal problema kienet wahda semplici u l-konvenut jghid illi wara ftit ricerka illi ghamel sab illi l-pajpijiet mar-radiators kienu imwahhlin hazin u hu personalment qabad u ghamel ix-xoghlijiet mehtiega u s-sistema giet tahdem.

Dan it-Tribunal jemmen illi gialadarba l-affarijiet kienu daqshekk semplici, ma kien messhom qatt jaslu sa hawnhekk. Il-konvenut kien messu sab soluzzjoni u hallas la ma kienx hemm difetti sostanzjali. Min-naha tieghu l-attur xejn ma ghen biex tinstab soluzzjoni tant li dan wara li kien hareg kontijiet fejn irreklama €1205 u sahansitra baghat ittra ufficcjali (esebita a fol.26 tal-inkartament processwali) ghal dan l-ammont, ghogbu unilateralment jgholli l-kont ghal €1421.90. It-Tribunal ser jimxi fuq il-kont originali ta' elf mitejn u hames Ewro (€1205).

Gialadarba s-sistema innifisha ma kien fiha xejn hazin, u s-sistema mibjughha mill-atturi ghadha fil-post u qed tintuza, dan it-Tribunal ma jarax li ghandu jnaqqas mill-valur taghha. Dak li ser inaqqas huwa l-valur tar-riparazzjonijiet li kellu jaghmel l-konvenut li dan it-Tribunal b'mod ekwitattiv u arbbitrio boni viri qed jillikwida fl-ammont ta' mitt Ewro (€100).

Imkien ma gie pruvat kif l-konvenut wasal ghall-ammont li jissemma' fir-risposta, li allura dan it-Tribunal mhux qed jaccetta.

Ghar-ragunijiet fuq elenkati dwar kif zvolgew l-affarijiet, ghar-raguni li l-attur talbu aktar minn li kien imisshom, l-isejjez ta' din il-kawza ser jigu approporzjonati bil-mod kif jinghad fid-decide.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta′ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa′ in parti t-talbiet attrici fis-sens kif fuq spjegat, jikkundanna lil konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta′ elf mija u hames Ewro (€1105) bl-imghax mid-data ta′ din is-sentenza ′l quddiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjez jinqasmu kwant ghal terz mill-atturi u zewgt terzi mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------